## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru, 2021**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 1796/2021**

***AVV. DR. MICHAEL PSAILA BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TAS-SOĊJETÀ ESTERA TALJANA SISAL LOTTERY ITALIA S.P.A., ENTITÀ REĠISTRATA TAĦT ID-DIREZZJONI TA' SISAL S.P.A. U TAS-SOĊJETÀ ESTERA AWSTRIJAKA SCIENTIFIC GAMES INTERNATIONAL GMBH U EDEN LESIURE GROUP LIMITED***

***VS.***

***MS NANCY CARUANA BĦALA SEGRETARJU PERMANENTI IN RAPPREŻENTANZA TAL-MINISTERU TAL-EKONOMIJA U L-INDUSTRIJA, DR. EMANUEL CAMILLERI BĦALA CHAIRPERSON TAL-PRIVATISATION UNIT, L-AWTORITÀ MALTIJA DWAR IL-LOGĦOB, ALFRED CAMILLERI BĦALA SEGRETARJU PERMANENTI IN RAPPREŻENTANZA TAL-MINISTERU TAL-FINANZI U NATIONAL LOTTERY PLC***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talba tar-rikorrenti sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni taħt l-**artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fit-**<u>3 ta' Diċembru, 2021</u>**, ir-rikorrenti fissru li huma bħala grupp ta' operaturi ekonomiċi, bl-isem ta' Sisal Malta Consortium, ħadu sehem flimkien mal-intimata National Lottery plc f'sejħa għall-proposti maħruġa mill-Gvern, b'rabta mal-konċessjoni għad-drittijiet tal-Lotterija Nazzjonali ta' Malta. Huma jgħidu li t-Taqsima tal-Privatizzazzjoni (*Privatisation Unit*), li kienet qiegħda

tmexxi s-sejħa f'isem il-Gvern, ħabbret li l-aħjar offerent biex jikseb il-jedd li jopera l-logħob tal-lotterija nazzjonali għal żmien ta' għaxar snin kienet National Lottery plc li offriet il-prezz ta' €105.077,77 kontra l-prezz ta' €53,330,001 offrut minn Sisal Malta Consortium;

3. Ir-rikorrenti jsostnu però li l-offerta ta' National Lottery plc kellha tiġi mwarrba 'l barra għaliex skonthom National Lottery plc ma kinitx tissodisfa l-kriterji tal-*Fitness and Propriety* imsemmija fid-dokument tas-sejħa għall-proposti. Fl-ispeċifiku, huma jtennu li l-azzjonist ewlieni ta' National Lottery plc ma jħaddimx 300 ruħ fl-industrija tal-logħob u li n-nies li jifformaw parti ma' National Lottery plc ma ħalqux fatturat annwali ta' mill-inqas €300,000,000, f'xi sena partikolari bejn l-2018 u l-2020. Minbarra dan, ir-rikorrenti huma ħosbiena dwar l-offerta finanzjarja proposta minn National Lottery plc għaliex din hija għolja wisq, b'dana li l-kumitat tal-għażla kellu jinvestiga kif National Lottery plc waslet għal din iċ-ċifra;

4. Għalhekk billi r-rikorrenti jemmnu li l-proċess ta' għarbiel, li wassal għall-għażla ta' National Lottery plc bħala l-aħjar offerent, huwa mċappas b'irregolarità huma talbu lil din il-qorti sabiex iżżomm lill-intimati milli:

> *«(i) Tgħaddu biex tattwaw u/jew tagħtu* [sic] *effett lill-għażla tal-intimata National Lottery plc bħala "Prefered Bidder" fil-kuntest ta' sejħa għall-proposti (minn issa 'l quddiem l-"RFP") b'rabta mal-Konċessjoni għad-drittijiet tal-Lotterija Nazzjonali ta' Malta (Concession for the Rights of the National Lottery of Malta – minn issa 'l quddiem "il-Konċessjoni"), kemm jekk permezz tal-firma tal-kuntratt ta' konċessjoni relattiv, permezz tal-ħruġ jew għotja ta' xi liċenza* [sic] *lil National plc* [sic], *jew bi kwalunkwe mod ieħor;*
>
> *(ii) Toperaw* [sic] *il-logħob nazzjonali inkluż il-Lotterija Nazzjonali, Super 5 u Lottu, tramite l-imsemmija National Lottery plc bħala konċessjonarju u dan anke f'każ li tali firma tal-kuntratt ta' konċessjoni, ħruġ jew għotja ta' xi liċenza* [sic] *ġa seħħet.»*

5. B'digriet maħruġ dakinhar stess, il-qorti laqgħet din it-talba b'mod proviżorju skont l-**artikolu 875(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fl-istess digriet, il-qorti ordnat ukoll in-notifika lill-intimati, bi żmien għaxart ijiem għat-tweġiba, u appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-17 ta' Diċembru, 2021;

6. In-National Lottery plc wieġbet fl-**<u>10 ta' Diċembru, 2021</u>**, is-Segretarji Permanenti taż-żewġ Ministeri wieġbu fil-**<u>15 ta' Diċembru, 2021</u>**, il-*Privatisation Unit* wieġbet ukoll fil-**<u>15 ta' Diċembru, 2021</u>** u l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob wieġbet fis-**<u>16 ta' Diċembru, 2021</u>**. Fir-risposti rispettivi tagħhom, dawn taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex il-mandat ta' inibizzjoni ma jmissux jintlaqa';

7. Inżamm smigħ fis-**<u>17 ta' Diċembru, 2021</u>** u dakinhar ir-rappreżentanti tal-intimati ddikjaraw fil-verbal li kieku ma kienx għal dan ir-rikors, huma kienu ħa jkomplu bil-proċess li jista' jwassal għall-għoti tal-kuntratt tal-konċessjoni u tal-liċenzja. Dawn id-dikarazzjonijiet saru minn dawn ir-rappreżentanti skont l-**artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

8. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, il-qorti ħalliet ir-rikors sabiex jingħata digriet *in camera*;

***Fatti***

9. Fit-30 ta' Lulju, 2021, il-*Privatisation Unit* f'isem il-Ministeru tal-Ekonomija u Industrija ħareġ dokument imsejjaħ, «*Request For Proposals Concession For The Rights of the National Lottery of Malta*», li permezz tiegħu operaturi ekonomiċi ġew mistiedna biex jgħidu x'kienu lesti li jħallsu biex jingħataw il-jedd li joperaw il-logħob tal-lotterija nazzjonali għal żmien ta' għaxar snin;

10. Il-ksib tal-konċessjoni hija ħtieġa ewlenija biex dan imbagħad ikun jista' japplika għall-għoti ta' liċenzja tal-logħob tal-lotterija nazzjonali mill-Awtorità Maltija Dwar il-Logħob (ara **artikolu 2.1.3** tad-dokument tas-sejħa);

11. Din is-sejħa ma ġietx regolata bir-***Regolamenti Dwar Kuntratti Ta' Konċessjoni (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.09)*** minħabba l-eżenzjoni li hemm fir-**regolament 5(1)(r)** dwar konċessjonijiet għas-servizzi ta' lotterija;

12. Illi biex jiġi meqjus mill-kumitat tal-għażla, l-offerent kellu jissodisfa l-kriterji tal-eliġibilità li jissemmew fid-dokument tas-sejħa għall-proposti. Fost dawn il-kriterji msemmija fl-**artikolu 2.8.1.1.6** tad-dokument tas-sejħa kien hemm li:

> *«(i) The majority shareholder of the Proponent shall, at a minimum, employ three hundred (300) individuals within the gaming industry who reside within the European Union or the European Economic Area;*
>
> u
>
> *(ii) The companies forming part of the Proponent's corporate structure must have cumulatively generated an annual turnover of a minimum of three hundred million Euro (€300,000,000) in at least one of the previous three (3) financial years. Provided that for this purpose, only companies established within the European Union, or the European Economic Area will be taken into account, any turnover generated form the gaming business shall be taken into account.»*

13. Wara li l-*Privatisation Unit* għarblet l-offerti li ntefgħu, hija ħabbret li kienet irċeviet żewġ offerti: waħda mingħand National Lottery plc bil-prezz ta' €105.077,777 u oħra mingħand Sisal Malta Consortium bil-prezz ta' € 53,330,001. Il-*Privatisation Unit* ħabbret li l-offerta preferuta kienet dik mixħuta minn National Lottery plc;

14. Sisal Malta Consortium ma qablitx ma' din id-deċiżjoni tal-*Privatisation Unit* iżda skont l-**artikolu 2.11** tad-dokument tas-sejħa l-ebda appell ma seta' jsir dwar il-proċess tal-għażla quddiem xi bord ta' reviżjoni;

15. Fit-3 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti ressqu dan ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni biex l-ebda kuntratt u l-ebda liċenzja ma tingħata lil National Lottery plc. Dan minħabba li huma qegħdin jgħidu li l-proċess tal-għażla ma sarx sew għaliex suppost National Lottery plc kellha tiġi skwalifikata peress li l-offerta tagħha ma kinitx toqgħod mal-kriterji tal-eliġibilità dwar in-numru ta' ħaddiema fl-industrija tal-logħob u mal-fatturat minimu ta' 300 miljun, u kif ukoll għaliex il-prezz offrut minnha huwa wieħed suspettuż;

***Konsiderazzjonijiet***

16. Bħala liġi, insibu mniżżel fl-**artikolu 873(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kull ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat;

17. Skont il-liġi, il-qorti għandha tawtorizza l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni meta:

i. Ir-rikorrent ikollu mad-daqqa t'għajn il-jedd oġġettiv u mhux soġġettiv li jwaqqaf jew iżomm lill-intimat milli jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew li biha tista' ġġiblu preġudizzju. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib (ara ***Dr. Louis Cassar Pulliċino noe v. Joseph Caruana Curran noe et****,* Qorti tal-Kummerċ tas-26 ta' Mejju, 1995);

ii. Il-mandat ikun meħtieġ biex jiġi mħares dak il-jedd. F'dan is-sens, jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat (ara fost ħafna oħrajn id-deċiżjoni fl-ismijiet ***Odette Tonna et v. Awtorità tal-Artijiet*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Lulju, 2018); u

iii. Meta t-talba għall-ħruġ tal-mandat tkun qiegħda ssir kontra l-Gvern ta' Malta jew kontra xi persuna b'kariga pubblika, fil-kariga uffiċjali tagħha, b'żieda maż-żewġ elementi msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, ir-rikorrenti biex jirnexxi fit-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni jrid juri wkoll skont l-**artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**: (i) li l-ħaġa li huwa qed jitlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (ii) li l-preġudizzju li jinħoloq fuqu jkun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma (ara d-digriet tal-15 ta' Diċembru, 2008 fl-ismijiet ***Supretendent Anzjan Raymond G. Zammit v. Il-Ministru tal-Intern u Ġustizzja et****);*

18. Dawn l-elementi tal-**artikolu 873** fuq imsemmija, huma kumulattivi u mhux alternattivi, b'dana li anke jekk wieħed minnhom ma jirriżultax pruvat, il-mandat ta' inibizzjoni ma jistax jiġi milqugħ (ara ***V & C Contractors Limited et v. Direttur tal-Kuntratti*** maqtugħ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar, 2011);

19. Fil-każ tal-lum ma hemmx kwistjoni li l-Ministeru tal-Eknomija u l-Industrija, il-Ministeru tal-Finanzi, il-*Privatisation Unit* u l-Awtorità Maltija Dwar il-Logħob huma parti mill-Gvern ta' Malta jew entitajiet mogħnija b'karigi pubbliċi li għalihom jgħodd l-**artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Lanqas ma hemm kwistjoni li dawn l-intimati kienu ħa jkomplu bl-ipproċessar tas-sejħa marbuta mal-għoti tal-kuntratt ta' konċessjoni u tal-liċenzja mertu ta' dan il-mandat, dan hekk kif ġie ddikjarat mir-rappreżentanti tagħhom fis-seduta tas-17 ta' Diċembru, 2021;

20. Il-qorti sejra tibda billi tqis l-**ewwel element** *viz*. jekk ir-rikorrenti għandhomx mad-daqqa t'għajn jedd oġġettiv li jwaqqfu lill-intimati;

21. Bħala daħla, jibda billi jingħad li s-sehem tar-rikorrenti f'sejħa pubblika ma tagħtihom l-ebda ċertezza jew dritt li l-offerta tagħhom tiġi magħżula (ara f'dan is-sens ***Gafa Safeways Limited v. Dipartiment tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Lulju, 2010). Joqgħod tajjeb hawnhekk ukoll, dak li saħqet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet tagħha fil-kawża, ***Diane Galea v. Andrew Spiteri et***, mogħti fit-28 ta' Novembru, 2008, «*li l-liġi trid li min jitlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni jrid jagħmel dan fuq biżgħa rejalistiku u mhux sempliċement fuq suspetti infondati, jew konġetturi ipotetiċi li jistgħu jfissru kemm ħaġa u kemm oħra»;*

22. Minkejja dan kollu, xogħol il-qorti meta tiġi biex tara jekk hija għandhiex tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mhuwiex dak li taqta' t-tilwima li hemm għaddejja bejn il-partijiet (ara ***Victor Vassallo v. Edwin Bartolo et noe*** tal-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili tas-27 ta' Marzu, 2003) jew li b'xi mod tiddeċiedi dwar id-drittijiet rispettivi tagħhom fil-każ. Ifisser dan, li f'dawn il-proċeduri mhuwiex għal din il-qorti li tiddeċiedi jekk huwiex tassew minnu li kien hemm nuqqasijiet fl-offerta ta' National Lottery plc;

23. Bil-kontra, dak li trid tara din il-qorti għall-għanijiet ta' din il-proċedura huwa jekk ir-rikorrenti għandhomx bil-liġi l-jedd li jikkontestaw il-proċess tal-għażla f'din is-sejħa;

24. Ma jistax jingħad li dak il-jedd *prima facie* jeżisti tassew jekk kemm-il darba l-pretensjoni dwar dak id-dritt ma tistax tissawwar f'talba speċifika wara l-ilqugħ tal-mandat (ara ***Nutar Giuseppe Sammut noe v. Frank Scicluna et**,* Appell Ċivili tat-2 ta' Ġunju, 1969, ***Brendaline Busuttil nomine v. Maria Rosaria sive Rose Grima*** tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Ġunju, 2007 u ***Jonathan Grech v. L-Awtorità Marittma ta' Malta*** tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Lulju, 2009);

25. Li rridu naraw mela huwa x'tip ta' azzjoni ġudizzjarja jistgħu jagħmlu r-rikorrenti wara l-mandat. Huwa ovvju li jekk jirriżulta li r-rikorrenti m'għandhomx disponibbli f'idejhom azzjoni ġudizzjarja x'jistgħu jressqu allura ma jistax jingħad li huma għandhom jedd oġġettiv biex jitolbu l-ħruġ tal-mandat;

26. Dan kollu meqjus, b'mod ġenerali skont ir-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03)** u r-**Regolamenti Dwar Kuntratti Ta' Konċessjoni (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.09)**, operaturi ekonomiċi li jieħdu sehem f'sejħiet pubbliċi amministrati minn entitajiet tal-Gvern, għandhom il-jedd li jekk iridu jikkontestaw il-mod ta' kif sejħa tkun ġiet ipproċessata u aġġudikata. Matul dan iż-żmien ta' kontestazzjoni, il-proċess tas-sejħa jiġi sospiż u ebda kuntratt ma' jkun jista' jiġi ffirmat mal-offerent magħżul;

27. Ifisser għalhekk li f'każijiet normali ta' xiri jew konċessjonijiet pubbliċi, operaturi ekonomiċi huma mogħnija bid-dritt li jikkontestaw ir-regolarità u s-siwi tal-proċess;

28. Fil-każ li għandha quddiemha l-qorti, is-sejħa pubblika li tmexxiet mill-*Privatisation Unit* ma kinitx regolata b'dawn iż-żewġ liġijiet u għalhekk ir-rikorrenti ma setgħux jinqdew bir-rimedji msemmijin f'dawn iż-żewġ liġijiet biex jikkontestaw il-proċess tal-għażla;

29. Terġa' u tgħid, fl-**artikolu 2.11** tad-dokument tas-sejħa hemm miktub li l-ebda appell ma seta' jsir dwar il-proċess tal-għażla quddiem xi bord ta' reviżjoni;

30. Kieku ried il-Gvern skont ir-**regola 87(e)** tar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03)** seta' jassoġġetta din is-sejħa għall-ġurisdizzjoni tal-Bord ta' Reviżjoni Dwar Kuntratti Pubbliċi. Din ir-regola tagħti l-jedd lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntrati Pubbliċi li jisma' u jiddetermina kull każ assenjat lilu f'sejħa pubblika għall-offerti jew kwotazzjonijiet, ukoll jekk dik is-sejħa ma tinvolvix akkwisti pubbliċi. Barra minn hekk li kieku, il-Gvern għażel li jassoġġetta din is-sejħa għall-jedd ta' kontestazzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, kien ikun hemm jedd ukoll ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell. F'każijiet bħal dawn, kemm il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratt Pubbliċi u kif ukoll il-Qorti tal-Appell huma marbuta bil-liġi li jiddeċiedu l-każijiet li jitressqu quddiemhom f'termini legali qosra ħafna;

31. Minkejja dan kollu, il-Gvern, permezz tal-*Privatisation Unit,* għażel li din is-sejħa ma jagħmilhiex soġġetta għall-jedd ta' appell jew reviżjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u l-Qorti tal-Appell;

32. Il-mistoqsija għalhekk li trid tiġi mwieġba hija jekk fid-dawl ta' din l-esklużjoni, ir-rikorrenti għandhomx jedd li jikkontestaw din is-sejħa?;

33. It-tweġiba tal-qorti hija waħda fl-affermattiv. Hi x'inhi u ħariġha minn ħariġha, kull deċiżjoni amministrattiva hija soġġetta għall-proċeduri ta' stħarriġ mill-qrati tagħna skont l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, jekk il-mod ta' kontestazzjoni kontra dik id-deċiżjoni amministrattiva ma jiġix provdut dwaru f'xi

liġi oħra. Sewwasew f'dan il-każ, ladarba l-jedd ta' kontestazzjoni tar-riżultat tal-proċess tas-sejħa ma jinsab regolat minn ebda liġi, ir-rikorrenti għandhom kull jedd li jitolbu lill-qrati skont l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jistħarrġu jekk dak ir-riżultat huwiex wieħed regolari jew le u li jħassruh jekk jinstab li dak ir-riżultat ikun tabilħaqq wieħed irregolari;

34. F'dan is-sens, huwa magħruf fil-ġurisprudenza tagħna li proċessi dwar sejħiet pubbliċi jaqgħu fl-isfera tad-dritt amministrattiv u għalhekk dawn jistgħu jiġu mistħarrġa mil-lenti tal-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jekk ma jintweriex li jkun hemm rimedju ieħor fil-liġi (ara ***Roberto Zamboni nomine v. Direttur tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2002, ***Dragonara Gaming Limited v. Il-Ministru tal-Finanzi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017, ***Ragonesi & Company Limited pro et noe v. Korporazzjoni Enemalta et*** deċiża fl-24 ta' Novembru, 2017 u ***Associated News Group Limited v. L-Awtorità Tat-Turiżmu Ta' Malta et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2020);

35. Naturalment dan kollu jwassal lil wieħed jaħseb jekk kinitx għażla tassew tajba u għaqlija tal-*Privatisation Unit* li ma jipprovdux il-jedd ta' kontestazzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u l-Qorti tal-Appell, li bil-liġi jiddeċiedu ilmenti dwar is-siwi tal-proċess tas-sejħa fi żminijiet imqassra. Dan qed jingħad għaliex l-esklużjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ma jfissirx li r-riżultat ma jistax jiġi kkontestat, kif donnhom jagħtu x'jifhmu wħud mill-intimati fir-risposta tagħhom, iżda jfisser biss li r-riżultat jistax jiġi mistħarreġ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell skont l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** bħala kawża ordinarja li tinbeda b'rikors maħluf, fejn sfortunatament minħabba n-numru esaġerat ta' proċeduri li jinstemgħu mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mhuwiex possibli għal dik il-qorti li tiddeċiedi l-kontestazzjoni tar-riżultat tas-sejħa f'qasir żmien bħall-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u l-Qorti tal-Appell;

36. Illi lil hemm minn dan kollu, ladarba r-rikorrenti seħħilhom juru li għandhom azzjoni f'idejhom fil-forma ta' kawża taħt l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex jikkontestaw ir-riżultat tas-sejħa, dan għandu jfisser li r-rikorrenti għandhom jedd oġġettiv mad-daqqa t'għajn biex iressqu talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet ***Dragonara Gaming Ltd v. Il-Ministeru tal-Finanzi et*** tat-28 ta' Novembru, 2014

> *«Tqis li l-liġi nnifisha tagħti li Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab u jinħareġ fejn parti tkun għadha mqar sejra tagħmel azzjoni quddiem qorti (Ara **art. 876(1) tal-Kap 12**), u dan tgħoddu bħala jedd biżżejjed biex issir talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Il-liġi tagħti wkoll rimedju għal min jabbuża mill-ħruġ ta' atti kawtelatorji (**Art. 836(9) tal-Kap 12**), imma ma ċċaħħadx minn qabel li wieħed jinqeda minnhom b'qies u f'ħarsien tal-jedd tiegħu.»*

37. Imiss issa li naraw t-**tieni element**, *viz*. jekk il-mandat ta' inibizzjoni huwiex meħtieġ biex jitħares il-jedd tar-rikorrenti li jikkontestaw ir-riżultat tas-sejħa;

38. L-element tal-ħtieġa li jrid jintwera f'talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, jiġi nieqes jekk kemm-il darba l-għemil li jrid jitwaqqaf jista' jiġi mħassar b'sentenza ġudizzjarja, wara li jkun ġie mistħarreġ il-mertu (ara *inter alia* ***Avukat Victor Borġ Grech v. Joseph Gasan et noe***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Jannar, 1993 u ***Airmode Limited v. Malta International Airport p.l.c. et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Jannar 2017);

39. Tassew, it-tiftix li trid tagħmel il-qorti dwar dan it-tieni element huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem dak il-jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-mandat (ara ***Alexander D'Agata et v. Emanuel Mallia et*** tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Diċembru, 2009);

40. Hekk pereżempju jonqos l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-mandat, jekk ix-xkiel, fastidju jew molestja allegatament imġarrba jistgħu jitneħħew b'sentenza favorevoli mill-qorti biex kollox imur lura għal li kien (ara ***Avukat John Buttigieg et v. Anthony Tabone et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Marzu

2007) jew jekk l-għemil li jrid iwaqqaf ir-rikorrent jista' jingħata rimedju dwaru, b'kumpens fi flus (ara ***Silver King Limited v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 t'Awwissu 2013);

41. Illi fil-każ tagħna, jekk ir-rikorrenti jemmnu li huma għandhom skont il-liġi, xi azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju biex iwaqqgħu r-riżultat tal-proċess tal-għażla, allura l-istess rikorrenti m'għandhomx bżonn il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Dan għaliex dik l-azzjoni ġudizzjarja tista' tagħtihom ir-rimedju li jerġgħu jġibu lura l-affarijiet għal li kienu;

42. Fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv huwa mgħallem li, «*by quashing the court declares that some purported decision or determination is irregular or futile and therefore of no effect in law. The result is to establish that no one need take heed of it. The question at issue has not been lawfully determined, and the responsible authority must start again and determine it properly. The difference from a declaratory judgment is that quashing positively invalidates the offending decision or act, whereas a declaration of invalidity merely leaves it exposed to other remedies if required*» (***HWR Wade & CF Forsyth Administrative Law (9th Edit***), paġ. 611);

43. Jiġi b'hekk, li jekk kemm-il darba xi għemil amministrattiv jitħassar minn qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, dak l-għemil jiġi daqs li kieku ma kien sar qatt u jista' jsir mill-ġdid b'mod legali u kif imiss (ara ***David Gatt v. Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Ottubru, 2016);

44. Jgħodd ħafna hawnhekk dak imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet ***Dragonara Gaming Ltd v. Il-Ministeru tal-Finanzi et*** tat-28 ta' Novembru, 2014, li kellu ċirkostanzi li jixxiebħu ħafna mal-każ tal-lum, fejn ingħad hekk:

> *«jekk joħroġ tabilħaqq li n-nuqqasijiet li Dragonara tilminta minnhom fil-proċess tal-għażla tassew tebbgħu dak il-proċess, ir-rimedju li jista' jingħata huwa t-tħassir ta' kulma jkun sar. Għalhekk ma*

*huwiex meħtieġ li biex dak ir-rimedju jinkiseb, irid ikun inħareġ il-Mandat. Dan jgħodd ukoll għal min iqis li n-nuqqas ta' ħruġ tal-Mandat ikun tah xi assoluzzjoni ġenerali li jista' jagħmel li jogħġbu jew li dak li sar sa issa ma jistax ikun mistħarreġ mill-ġdid fis-sedi u fi proċediment xieraq.»*

45. Sfortunatament dan kollu jista' jħalli dell ikrah fuq ir-riżultat tas-sejħa. Dan għaliex jekk ir-rikorrenti jiddeċiedu li jiftħu kawża taħt l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, ir-riżultat tas-sejħa ħa jibqa' mdendel sakemm tinqata' l-kawża, bir-riskju miżjud li dan ir-riżultat jista' wkoll jispiċċa mħassar jekk jirriżulta li kien hemm irregolarità. Minbarra dan, kull kuntratt ta' konċessjoni u kull liċenzja tal-logħob li tingħata fuq il-bażi ta' dan ir-riżultat jiġu li jitħassru wkoll fuq is-saħħa tal-prinċipju *quod nullum est nullum producit effectum*;

46. Dan kollu però ma jbiddilx il-fatt li teknikament l-mandat ta' inibizzjoni mhux meħtieġ biex ir-rikorrenti jħarsu l-jedd tagħhom li jikkontestaw u jħassru r-riżultat tal-proċess tas-sejħa. Tali jedd jista' jinkiseb f'każ ta' eżitu pożittiv f'kawża mibdija taħt l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

47. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk it-tieni element meħtieġ biex jinħareġ il-mandat ta' inibizzjoni huwa nieqes, b'dana għalhekk li t-talba tar-rikorrenti biex jinħareġ il-mandat ma tistax tintlaqa';

48. Il-qorti tista' tieqaf hawn imma tħoss li jkun aħjar ukoll li hija tgħid kelmtejn dwar it-**<u>tielet element</u>**, dak li jolqot l-aspett tal-proporzjonalità, jiġifieri min kien ħa jbati l-iktar bejn ir-rikorrenti u l-Gvern jekk jinħareġ jew ma jinħariġx il-mandat;

49. Qabel xejn, f'dan l-aspett, il-qorti ma tridx tqis il-preġudizzju li tista' tbati National Lottery plc għaliex skont l-**artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, it-tqabbil li jrid isir huwa bejn ir-rikorrenti u l-Gvern biss. Il-preġudizzju finanzjarju għalhekk li tista' tbati National Lottery plc jekk jintlaqa' l-mandat ta' inibizzjoni huwa superfluwu għall-għanijiet ta' dan it-tielet element;

50. Dwar dan l-aspett tal-proporzjonalità, il-qorti ma tħossx li l-Gvern kien ħa joħroġ l-aktar minn taħt li kieku ntlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Fil-fehma tal-qorti, it-tmexxija trasparenti, ġenwina u korretta ta' sejħa pubblika għandha valur aktar importanti mill-flus. Fi kliem ieħor, kif tifhimha din il-qorti, lil hemm minn kull valur finanzjarju jew ekonomiku li jista' jkun hemm involut, huwa aktar fl-interess tal-Gvern li jkollu serħan tal-moħħ li konċessjoni pubblika tkun ingħatat kif suppost, milli li l-Gvern jidħol f'kuntratt ta' konċessjoni pubblika li tkun imtappna bid-dellijiet tal-irregolarità, u li dwarhom ma tkun ingħatat l-ebda deċiżjoni minn awtorità ġudizzjarja;

51. Hekk ukoll mhijiex raġuni fejjieda dik mogħtija mill-Awtorità Maltija Dwar il-Logħob li huwa aħjar li ma jintlaqax il-mandat għaliex inkella jkun hemm logħob klandestin. Jekk ikunx hemm logħob klandestin ma jiddependix fuq jekk jintlaqax jew le dan il-mandat, iżda jiddependi fuq il-kwantità, fuq il-kwalità u fuq il-ħeġġa tal-uffiċjali tal-infurzar responsabbli li jrażżnu u jinvestigaw il-logħob tal-ażżard illegali u klandestin;

52. B'daqshekk il-qorti mhijiex qiegħda tgħid li s-sejħa f'dan il-każ tmexxiet irregolarment. Din hija xi ħaġa li trid tiġi deċiża f'każ li tinfetaħ kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju u fil-fatt din il-qorti qagħdet b'seba' għajnejn milli tidħol fiha. Li qed tgħid il-qorti huwa biss, illi li kieku ma sabitx li kien hemm nieqes it-tieni element tal-mandat dwar il-ħtieġa tiegħu, hija ma kinitx ħa taċċetta l-argument ta' wħud mill-intimati li l-miżien tal-proporzjonalità kellu jxaqleb aktar favur iċ-ċaħda milli favur l-ilqugħ tal-mandat ta' inibizzjoni minħabba l-aspett finanzjarju involut jew minħabba l-biża' li jfaqqas il-logħob tal-ażżard klandestin;

53. B'danakollu, din il-qorti sabet li f'dan il-każ il-mandat ta' inibizzjoni mhux meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet ta' kontestazzjoni li għandhom ir-rikorrenti kontra r-riżultat tas-sejħa. Għalhekk mingħajr mal-qorti ma qiegħda b'xi mod tippronunzja ruħha favur jew kontra l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar ir-riżultat tal-proċess tal-għażla, hija qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni;

54. Il-qorti ttemm dan id-digriet billi tgħid li ladarba li dawn il-proċeduri tal-mandat tal-inibizzjoni u kull azzjoni futura ta' stħarriġ ġudizzjarju setgħu jiġu evitati li kieku l-*Privatisation Unit* għażlet li tassoġġetta din is-sejħa għall-ġurisdizzjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi skont ir-**regola 87(e)** tar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03)**, jinħass xieraq li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri tal-mandat jitħallsu mill-imsemmija *Privatisation Unit*;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-rikors tat-3 ta' Diċembru, 2021 billi **tiċħad** it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni;

**Tordna** li l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha kemm huma minn Dr. Emanuel Camilleri bħala *Chairperson* tal-*Privatisation Unit*.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**